

# Settembru

**Mario Fenech**

Bdejna d-disa' xahar tas-sena
għeneb minn tas-Settembrina,
naħsbu sabiex nagħmlu festa
kif tixraq lil Marija Bambina.

Dan ir-raħal tal-Mellieħa
ilu xhur qed jipprepara
jagħmel dak kollu li jista'
imħabbtu lilek qed jiddikjara.

Daqq ta' qniepen b'ton ferrieħi
li jwassal fuq il-widien,
il-kotra qiegħda tinġabar,
il-ferħ jinħass ma' kullimkien.

Il-knisja qiegħda tintrama
dalwaqt mit-tempju noħorġuk
il-patruna ta' raħalna,
għalhekk aħna nħobbuk.

Kull min taħt il-ħarsa tiegħek
għex fir-raħal tal-Mellieħa
lejk inġibed hekk kif lemħek
bukkett fjuri kollok fwieħa.

Imnaqqxa b'sengħa kbira
minn idejn kapaċi ta' skultur
Pietru Pawl Azzopardi
ix-xogħol ħariġlu sew bl-unur.

Kien għalhekk tassew jixraqlek
li jinbnielek tempju kbir,
dan jiddomina fuq ir-raħal,
tħares lejh jagħtik pjaċir.

Bil-pjazza quddiem il-knisja
din imlibbsa b'ħafna armar
daqt tinstema' wkoll il-banda
sabiħ ikun il-logħob tan-nar.

Il-Każin tal-Banda Imperial
sehem se jagħti f'din il-festa
il-marċi ġa ġew magħżula,
programm sħiħ ġa qed jitlesta.

Bil-marċi ddur fit-toroq,
il-programm fuq il-planċier,
kulħadd lest biex jagħti sehmu
minn qalbu u b'mod sinċier.

Għalhekk din l-għaqda mużikali
fil-Mellieħa taħdem qatigħ
sabiex dak li lesta tagħti
tagħmlu sewwa u b'mod sħiħ.

Jum it-8 ta' Settembru
infakkru t-twelid tiegħek,
żommna lkoll fit-triq it-tajba
sakemm naslu l-Ġenna miegħek.

Fittex oħroġ O Madonna
biex tberikna u thennina,
b'vuċi waħda għalenija
Viva Marija Bambina.